PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2009/0801(CNS)

26.2.2009

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-inizjattiva tar-Renju tal-Olanda dwar l-adozzjoni ta’ deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2002/956/JHA li tistabbilixxi Network Ewropew għall-Protezzjoni ta' Figuri Pubbliċi
(16437/2008 – C6-0029/2009 – 2009/0801(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Gérard Deprez

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 4

NOTA SPJEGATTIVA 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-inizjattiva tar-Renju tal-Olanda dwar l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2002/956/JHA li tistabbilixxi Network Ewropew għall-Protezzjoni ta' Figuri Pubbliċi
(16437/2008 – C6-0029/2009 – 2009/0801(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju tal-Olanda (16437/2008)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 34(2)(c) tat-Trattat tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat tal-UE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0029/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2009),

1. Japprova l-inizjattiva tar-Renju tal-Olanda;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-inizjattiva tar-Renju tal-Olanda;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-Gvern tar-Renju tal-Olanda bil-pożizzjoni tal-Parlament.

[1] ĠU C ... / Għada mhix ippubblikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Istati Membri bħalissa qed jikkoperaw fil-qasam tal-protezzjoni ta' figuri pubbliċi fil-limiti tad-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ fil-pajjiż ikkonċernat kif ukoll skont il-ftehim internazzjonali relevanti. Fl-2002 ġie stabbilit in-Netwerk Ewropew għall-Protezzjoni ta' Figuri Pubbliċi (ENPPF), maħsuba biex itejjeb il-komunikazzjoni u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli. Din id-Deċiżjoni (Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/956) tistabbilixxi protezzjoni ta' figuri pubbliċi kif definiti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru jew skont ir-regolamenti ta' organizzazzjoni jew istituzzjoni internazzjonali jew supranazzjonali. Il-protezzjoni ta' figuri pubbliċi hija responsabbiltà tal-istat ospitanti u f'kull Stat Membru jeżisti punt wieħed ta' kuntatt li jkollu din ir-responsabilità.

Wara inċident fi Frar 2008, meta figura Olandiża pubblika magħrufa sew, is-Sra Hirshi Ali, ex-membru tal-parlament Olandiż, kienet mhedda wara diskors tagħha dwar radikalizzazzjoni Iżlamika waqt seminar fil-PE, kienet imnedija inizjattiva mir-Renju tal-Olanda biex tiġi estiża d-Deċiżjoni msemmija hawn fuq.

Id-deċiżjoni ttieħdet biex ikun propost li d-Deċiżjoni tal-Kunsill diġà eżistenti dwar in-Network Ewropew għall-Protezzjoni ta' Figuri Pubbliċi tiġi emendata sabiex jitwessgħa l-Artikolu 2 li jiddefinixxi "figura pubblika" bħala pożizzjoni uffiċjali jew mhux uffiċjali li titqies li tkun taħt theddida minħabba l-kontribuzzjoni tagħha jew l-impatt fuq id-dibattitu pubbliku. Dan ifisser li tali persuna jixirqilha wkoll l-istess protezzjoni mill-istat li hi tkun qed iżżur.
Jista' jissemma każ simili, li jikkonċerna rumanzier magħruf Ingliż-Indjan, is-Sur Salman Rushdie, li jinsab taħt theddida minħabba l-opinjonijiet espressi. Huwa jkun ukoll intitolat għal protezzjoni meta jżur stat fejn jista' jiffaċċja assalti u attakki, speċjalment minħabba li huwa jinsab taħt theddida miftuħa ta' mewt minn pajjiż terz partikolari.

Ir-Rapporteur huwa favur il-proposta.

Barra minn hekk, huwa jixtieq iqajjem dawn il-kwistjonijiet li tfaċċaw waqt li ġiet eżaminata din il-proposta:

- għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' reviżjoni sabiex jintlaħqu konklużjonijiet mill-każijiet esperjenzati u jiġi ċċekkjat il-valur miżjud reali ta' din is-sistema ta' protezzjoni ta' figuri, kemm jekk ikunu f'pożizzjoni uffiċjali kif ukoll jekk ma jkunux? Dan jippermettilna ntejbu s-sistema jekk ikun hemm bżonn.
- dan il-mekkanizmu ta' reviżjoni jkun ukoll l-opportunità sabiex tiġi eżaminata sa fejn tista' tiġi msaħħa l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri, u mhux biss tkun ibbażat fuq rieda tajba.